MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2007

Appell Kriminali Numru. 172/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Kristian Fenech Soler**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Kristian Fenech Soler talli fis-7 ta’ Jannar 2006 u fil-gimghat ta’ qabel fil-Belt, Valletta:

1) M’obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija Ezekuttiva waqt li kienu jaqdu d-dmirijiet taghhom;

2) Ghamilha ta’ substitute f’hanut li jservi ikel u xork alkoholiku “Trabixu Bar” sitwat fil-Belt, Valletta minghajr licenzja minn Awtorita` kompetenti;

3) Matul il-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes b'ghajjat jew b'mod iehor;

4) Haddem, gieghel lil min ihaddem xi strument ghad-daqq tal-muzika jew xi strument iehor bhal dan jew inkella ikkaguna hsejjes daqshekk qawwija li bihom dejjaq lill-girien jew lin-nies li joqoghdu f'bini fil-qrib;

5) Mexxa jew opera jew halla li jigi operat xi stabbiliment li jipprovdi ikel jew xorb alkoholiku minghajr licenzja minn Awtorit` kompetenti.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprodi ghas-sigurta` pubblika u tapplika l-provvedimenti ta' l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tapplika l-piena skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 43(1)(2) tal-Kap. 409 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' April 2006 li permezz taghha dik il-Qorti ddikjarat l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet preskritti u lliberat lill-appellant minnhom, iddikjarat it-tieni imputazzjoni assorbita fil-hames imputazzjoni u sabet lill-imsemmi Kristian Fenech Soler hati tal-hames (5) imputazzjoni dedotta kontra tieghu u stante c-cirkostanzi u wara li rat l-artikolu 338(ee)(m) tal-Kap. 9, l-artikolu 41(2) tal-Kap. 10, l-artikolu (43)(1)(2) tal-Kap. 409, l-artikoli [*recte:* regolamenti] 3(1) u 17 ta' l-Avviz Legali 175/2004, ikkundannatu ghal ghaxar liri Maltin (Lm10) multa;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fit-12 ta' Mejju 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma l-istess sentenza billi tikkonferma l-liberazzjoni fejn tapplika u tbiddel il-piena fejn instabet il-htija fis-sens li l-piena ghandha fil-minimu tkun hames mitt lira Maltin (Lm500);

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda mill-gdid;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Dan huwa appell mill-Avukat Generali mill-piena nflitta mill-ewwel Qorti. Skond l-Avukat Generali, filwaqt illi l-ewwel Qorti tat piena ta' ghaxar liri (Lm10) multa, skond l-artikolu 43(1) tal-Kap. 409 il-piena minima hija ta' hames mitt lira (Lm500).

L-appellant instab hati talli mexxa jew opera jew halla li jigi operat stabbiliment li jipprovdi ikel jew xorb alkoholiku minghar licenzja ta' awtorita` kompetenti, dan bi ksur ta' l-artikolu 43(1) tal-Kap. 409, u specifikatament il-paragrafu (a) ta' dak is-subartikolu. Skond l-imsemmi subartikolu l-piena hija dik ta' multa ta' mhux anqas minn hames mitt lira u mhux aktar minn ghaxart elef lira. Skond is-subartikolu (3) imbaghad id-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar il-*Probation* ma japplikawx dwar reati msemmija fis-subartikolu (1). Meta l-ewwel Qorti mponiet piena ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) hija nizlet taht il-*minimum* preskritt mil-ligi, haga li setghet taghmel kieku applikat l-artikolu 21 tal-Kap. 9. Mis-sentenza appellata pero`, ma jirrizultax li l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghall-imsemmi artikolu li, fi kwalunkwe kaz, jipprovdi illi Qorti tista' taghti dik il-piena izghar li, fid-diskrezzjoni taghha, tkun tixraq, izda dan "ghal ragunijiet specjali u straordinarji li ghandhom jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza". Kull ma qalet l-ewwel Qorti kien li "fic-cirkostanzi" kienet qed timponi multa ta' ghaxar liri Maltin (Lm10). Dan certament ma jissodisfax il-vot tal-ligi. U galadarba ma jirrizultax mill-provi illi hemm "ragunijiet specjali u straordinarji" li b'xi mod jiggustifikaw tali tnaqqis, l-appell ta' l-Avukat Generali jimmerita li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-hlas ta' multa ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt liri Maltin (Lm500), u tikkonfermaha fil-kumplament.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------